Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Numru. 61/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**versus**

**Gavin Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Gavin Bugeja ta’ 20 sena iben Carmel u Wendy nee’ Chaddock mwieled Pieta fit-18 ta’ Awissu 1983 u resienti 16 Triq San Bartilmew Rabat, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 439183 (M)

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer l-lejl ta’ bejn it-30 ta’ April 2004 u l-1 ta’ Mejju 2004 kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstacy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3 (1) ta’ l-Avviz Legali 22

ta' l-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv

Ukoll talli fl-ahhar sitt xhur qabel l-1 ta' Mejju 2004 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u jew l-Artikolu 8(d) tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat li jgib in-numru 4391 tas-sena 1983, l-Ordni ta' l-Avukat Generali tas-17 ta' Jannar 2005 (fol 3 u 29) u l-fedina penali ta' l-imputat (fol 5), id-dikjarazzjoni maghmula mill-prosekuzzjoni (fol 6) li l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101, ir-rapport imhejji mill-Probation Officer Miriam Sevasta (Dok MS a fol 15), ir-rapport imhejji mill-Ispizjar Mario Mifsud (fol 27 fid-Dok MM), il-konferma ta' l-esperti mahtura fl-inkjesta u l-proces verbal intitolat 'Sejba ta' pilloli suspettati ecstacy gewwa l-Axis Night Club fuq il-persuna ta' Gavin Bugeja skond rapport tal-pulizija ta' l-1 ta' Mejju 2004' redatt mill-Magistrat Dr Michael Mallia.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Fl-1 ta' Mejju 2004 membri ta' l-iskwadra tad-drogi ghamlet spezzjonijiet gewwa l-Axis Disco fejn twaqqaf l-imputat u nstab bi 22 pillola ecstacy.

<u>L-istqarrija ta' l-imputat</u>

L-imputat ghamel stqarrija li kienet guramentata quddiem il-Magistrat Michael Mallia. Huwa kien stqarr li persuna kienet taghtu 22 pillola ecstacy sabiex idahhalhom fid-disco Axis u talli kien ser jaghmel hekk l-imputat kellu jircevi LM20. Dil-persuna dahlet gewwa u l-imputat dahal xi nofs siegha wara. Baqa' jfittex lill-persuna l-ohra izda ma sabux u l-pulizija sabitu bil-pilloli f'idejh. L-imputat stqarr li ma kienx juza ecstacy. Huwa kien accetta li jdahhal il-pilloli ghax kien 'broke'. Xi xahrejn qabel l-imputat kien uza l-haxixa. L-imputat stqarr ukoll li kien qed igorr il-flus tal-persuna l-ohra. Din il-persuna kienet tibghat messaggi lill-imputat sabiex l-imputat ibiegh l-ecstacy izda l-imputat dejjem irrifjuta.

Il-Probation Officer Miriam Sevasta xehder li l-imputat issa ghandu xoghol stabbli u l-imputat ghandu support kbir mill-familja (fol 10 u 11).

PC 213 Nicolai Borg kkonferma li l-pilloli ecstacy instabu fuq l-imputat (fol 31) waqt li l-Ispizjar Mario Mifsud kkonferma li l-pilloli kien fihom is-sustanza 3,4 – Methylene dioxymethamphetamine (MDMA).

PS 114 Massimo Persiano xehed li l-imputat instab bil-pilloli ecstacy fuqu meta kien fuq id-dance floor.

Bhala provi difiza xehed missier l-imputat (fol 43 et) li kkonferma li minn dak inhar li ibnu kien arrestat qatt ma rega' kien hemm problemi ta' din ix-xorta.

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

Il-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-pulizija ppruvat l-ewwel imputazzjoni ghaliex :

(a) L-imputat ammetta fl-istqarrija kif kien dahhal il-pilloli ecstacy gewwa l-Axis meta hu lanqas biss jiehu ecstacy

u

(b) Ipproduciet xhieda okulari li sabu l-pilloli fuq l-imputat;

(c) In-natura kimika tas-sustanza kienet stabbilita permezz ta' l-espert forensiku.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi li l-prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

Min-naha l-ohra l-prova tat-tieni imputazzjoni tinsab fl-ammissjoni ta' l-imputat stess maghmula fl-istqarrija tieghu.

Iz-zewg imputazzjonijiet jaqghu fil-parametru taz-zmien indikat u ma hemmx assorbiment bejnietkom kemm minhabba fid-differenza fid-data kif wkoll minhabba d-differenza fin-natura tas-sustanza.

Konkluzjoni

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat ir-Regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 40A u 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) tal-Kap 31 u l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal_kap 101 ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh.

Dwar il-piena, il-Qorti qieset li japplika l-Artikolu 29 tal-Kap 101, cioe f'dan il-kaz l-Artikolu 120(2B) tal-Kap 31, u qed tapplikah f'zewg gradi u r-rapport tal-Probation Officer. L-imputat m'ghamilx ammissjoni matul il-proceduri li hadu hdax-il seduta. Ghaldaqstant il-Qorti, wara li qieset l-ammont u l-post fejn dahhal u l-pilloli 'ecstacy', qed tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija ta' tmien (8) xhur u ghal hlas ta' multa ta' 468 Euro.

Il-Qorti mhix qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti ghaliex dawn inhatru qabel is-16 ta’ Jannar 2006.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------